

**Brussell, 26 ta' Awwissu 2020
(OR. en)**

10241/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0175(NLE)**

**ACP 76
COASI 98
RELEX 593
WTO 138**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 374 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 374 final.

Mehmuż: COM(2020) 374 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2020
COM(2020) 374 final

2020/0175 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-Proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Fit-30 ta' Lulju 2009, l-UE ffirmat il-Ftehim Interim ta' Shubija¹, li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem l-“Ftehim”) bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra.

Il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju minn Papua New Guinea (PNG) mill-20 ta' Diċembru 2009, mill-Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014, mis-Samoa mill-31 ta' Diċembru 2018 u mill-Gżejjer Solomon mis-17 ta' Mejju 2020.

Il-Ftehim għandu l-għan li:

- (a) jippermetti lill-Istati tal-Paċifiku jibbenefikaw mill-aċċess aħjar għas-suq offrut mill-UE;
- (b) jippromwovi żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati tal-Paċifiku fl-ekonomija dinjija;
- (c) tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet, ibbażata fuq l-interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod li jkun konformi mar-regoli applikabbli tad-WTO u l-prinċipju tal-asimetrija, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-Istati tal-Paċifiku, f'dawk li huma livelli tal-impenji u ż-żmien meħtieġ għalihom;
- (d) jiġu stabbiliti l-arranġamenti xierqa għas-soluzzjoni tat-tilwim; kif ukoll
- (e) jiġu stabbiliti l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

2.2. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku

Magħmula minn rappreżentanti tal-UE u l-Istati tal-Paċifiku (Fiġi, PNG, Samoa u l-Gżejjer Solomon), il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Parti tal-UE u rappreżentant tal-Istati tal-Paċifiku. Iż-żewġ kopresidenti għandhom jalternaw il-presidenza tal-laqqgħat. Il-persuna li tippresjedi laqgħa għandha titqies bħala “kopresident li tippresiedi” għall-finijiet tal-Ftehim sal-mument meta tibda l-laqqgħa ta' wara u r-rwol ta' kopresident jgħaddi għand il-Parti l-oħra.

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Fit-tweġiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' (a) jstabbilixxi u jissorvelja l-kumitati jew il-korpi speċjali li jistgħu jkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, (b) jiltaqa' fi kwalunkwe ħin miftiehem mill-Partijiet, (c) iqis

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

kwalunkwe kwistjoni skont dan il-Ftehim u jieħu l-azzjonijiet xierqa fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, u (d) jieħu d-deċiżjonijiet jew jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim.

Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jiddelega setgħat speċifiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jimplementaw lill-kumitati speċjali kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim, b'mod partikolari l-Kumitat Speċjali dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli ta' Oriġini.

2.3. L-att previst tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku

Fl-aħħar kwart tal-2020, matul it-tmien laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jadotta Deċiżjoni li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tal-Kumitati Speċjali ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli, vinkolanti fuq il-Partijiet, li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u s-sottostrutturi relatati kif speċifikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim (l-Artikolu 68).

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-Artikolu 68 jipprovdli li l-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tal-Kumitati Speċjali, biex b'hekk jiġu ssodisfati l-obbligi tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim interim.

Tali pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku mehmuż mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jistabbilixxi r-rekwiżiti għar-rwol u l-isem tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku, il-kompożizzjoni u l-president, is-segretarjat, il-laqgħat, id-delegazzjonijiet, id-dokumenti, il-korrispondenza, l-aġenda għall-laqgħat, l-istedina ta' esperti, il-minuti, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, it-trasparenza, il-lingwi, l-ispejjeż, il-Kumitati jew il-korpi speċjali u l-emendi tar-Regoli ta' Proċedura.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-korp leġiżlattiv tal-Unjoni*".

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tal-Kummerċ huwa korp imwaqqaf bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jsir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 68 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni tal-UE tal-15 ta' Frar 2011 biex jiġi konkluż il-Ftehim hija l-Artikolu 207 TFUE. Barra minn hekk, l-oġġettiv u l-kontenut ewlenija tal-att previst huma marbutin mal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, is-suġġett tad-deċiżjoni prevista jikkonċerna qasam li fir-rigward tiegħu l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) TFUE.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku se jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, ikun xieraq li dan jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Lulju 2009, l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Interim ta' Sħubija, li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem il-“Ftehim”) bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹. Il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju minn Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009, mill-Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014, mis-Samoa mill-31 ta' Diċembru 2018 u mill-Gżejjer Solomon mis-17 ta' Mejju 2020.
- (2) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jstabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku li għandu jittratta l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 68 jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu, u se jiddelega setgħat speċifiċi ta' implimentazzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Kumitati Speċjali kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim.
- (4) Il-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku, matul it-tmien laqgħa tiegħu, se jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitati Speċjali.
- (5) L-Unjoni Ewropea għandha tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed rigward l-adozzjoni ta' tali regoli ta' proċedura,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tmien laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tal-Kumitati Speċjali bejn l-UE u l-Paċifiku għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill
Il-President*